

Brussell, 27 ta' April 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0394 (COD)

8214/18
ADD 1

CODEC 605
ENV 243
CLIMA 65

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament (UE) Nru 1257/2013 u d-Direttivi 94/63/KE u 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kunsill 86/278/KEE u 87/217/KEE fir-rigward tar-regoli proċedurali fil-qasam tar-rappurtar ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE (**I-ewwel qari**)

- Adozzjoni tal-att leġislattiv
- Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka, il-Litwanja, il-Belġju u l-Ungerija

Ir-Repubblika Ċeka, il-Litwanja, il-Belġju u l-Ungerija jixtiequ juru t-tħassib tagħhom dwar il-proċedura applikata rigward l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni dwar ir-**Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti**. Il-bidla proposta fl-obbligi ta' rappurtar tikkostitwixxi estensjoni tal-obbligi ta' rappurtar imposti fuq l-Istati Membri u tmur lil hinn mill-emendi meħtieġa li jirriżultaw mit-tħassir tad-Direttiva 91/692/KEE. Għaldaqstant din l-emenda hija bidla fis-sustanza pjuttost milli aġġustament tekniku.

Ġie mwaqqaf Kumitat dwar ir-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti skont l-Artikolu 25 tar-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti sabiex jassisti lill-Kummissjoni. Madankollu, il-Kumitat la kien notifikat bil-proposta u lanqas ma ġie kkonsultat dwar it-tibdil propost.

Jiddispjaċina li l-Kummissjoni ma kkonsultatx lill-esperti deżinjati dwar din il-kwistjoni, u nittamaw li fil-futur, kwistjonijiet tekniċi bħal dawn jiġu riferuti lill-kumitati rilevanti.
